



2025/1297

27.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1297

tas-26 ta' Ġunju 2025

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2025

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnunha mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ (il-"Ftehim Intern"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għal kull parti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa stabbilit bl-Artikolu 1 tal-Ftehim Intern.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2025 li tistabbilixxi l-ammont tat-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2025.
- (4) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877 sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti stipulati għal- FEŻ preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejhja għal kontribuzzjonijiet għall-Kummissjoni u għall-BEI skont ir-Regolament (UE) 2018/1877.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2906 ⁽³⁾ tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2025 għal EUR 800 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 9 000 000 għall-BEI. Il-BEI talab is-sehem kollu tiegħu tal-11-il FEŻ bl-ewwel pagament parzjali tal-2025.
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) bħala t-tieni pagament parzjali għall-2025 huwa b'dan stabbilit għal EUR 250 000 000 għall-Kummissjoni.

Artikolu 2

Il-partijiet għall-FEŻ għandhom iħallsu t-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet individwali tagħhom tal-FEŻ għall-2025 lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investment f'konformità mal-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_eums/2013/806/oj.

⁽²⁾ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1877/oj>.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2906 tal-14 ta' Novembru 2024 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li tispesifika l-limitu massimu għall-2026, l-ammont annwali għall-2025, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2025 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-sinjura 2027 u 2028, (ĠU L, 2024/2906, 19.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2906/oj>).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA

ANNEX

It-tieni pagament parzjali tal-Kontribuzzjonijiet tal-FEŻ għall-2025 (f'EUR)

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ FEŻ f%	Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ	Il-BEI il-11-il FEŻ	Total
IL-BELĠJU	3,24927	8 123 175	0	8 123 175
IL-BULGARIJA	0,21853	546 325	0	546 325
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	0,79745	1 993 625	0	1 993 625
ID-DANIMARKA	1,98045	4 951 125	0	4 951 125
IL-ĠERMANJA	20,57980	51 449 500	0	51 449 500
L-ESTONJA	0,08635	215 875	0	215 875
L-IRLANDA	0,94006	2 350 150	0	2 350 150
IL-GREĊJA	1,50735	3 768 375	0	3 768 375
SPANJA	7,93248	19 831 200	0	19 831 200
FRANZA	17,81269	44 531 725	0	44 531 725
IL-KROAZJA	0,22518	562 950	0	562 950
L-ITALJA	12,53009	31 325 225	0	31 325 225
ĊIPRU	0,11162	279 050	0	279 050
IL-LATVJA	0,11612	290 300	0	290 300
IL-LITWANJA	0,18077	451 925	0	451 925
IL-LUSSEMBURGU	0,25509	637 725	0	637 725
L-UNGERIJA	0,61456	1 536 400	0	1 536 400
MALTA	0,03801	95 025	0	95 025
IN-NETHERLANDS	4,77678	11 941 950	0	11 941 950
L-AWSTRIJA	2,39757	5 993 925	0	5 993 925
IL-POLONJA	2,00734	5 018 350	0	5 018 350
IL-PORTUGALL	1,19679	2 991 975	0	2 991 975
IR-RUMANIJA	0,71815	1 795 375	0	1 795 375
IS-SLOVENJA	0,22452	561 300	0	561 300

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ FEŻ f%	Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ	Il-BEI il-11-il FEŻ	Total
IS-SLOVAKKJA	0,37616	940 400	0	940 400
IL-FINLANDJA	1,50909	3 772 725	0	3 772 725
L-IŻVEZJA	2,93911	7 347 775	0	7 347 775
IR-RENJU UNIT ⁽¹⁾	14,67862	36 696 550	0	36 696 550
TOTAL UE-27 U R-RENJU UNIT	100,00	250 000 000	0	250 000 000

(¹) Abbażi tal-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (OJ L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign), ir-Renju Unit talab formalment f'Marzu 2023 li l-Kummissjoni tagħti rifiżjoni tas-sehem pendenti tiegħu tar-riżervi tal-10 u tal-11-il FEŻ billi tpaċi l-kontribuzzjoni pendenti tar-Renju Unit. Dik it-tpaċija ser tkun riflessa fl-istruzzjonijiet ta' pagament rispettivi.